## ĠERUSALM IL-ĠDIDA

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli**
**Atti 14, 21-27**

F'dak iż-żmien: Pawlu u Barnaba reġgħu lura lejn Listra u Ikonju u Antjokja, jagħmlu l-qalb lid-dixxipli u jħeġġuhom biex jibqgħu fil-fidi, u jgħidulhom li bi tbatijiet kbar jinħtiġilna nidħlu fis-Saltna ta' Alla. Għamlulhom ukoll presbiteri f'kull Knisja, u bit-talb u s-sawm ħallewhom f'idejn il-Mulej, li fih kienu emmnu.
Imbagħad għaddew minn Pisidja u ġew fil-Pamfilja. Wara li xandru l-kelma ta' Alla f'Perge, niżlu Attalja; minn hemmhekk marru bil-baħar lejn Antjokja minn fejn kienu telqu, merħijin għall-grazzja ta' Alla għax-xogħol li kienu temmew.
Meta waslu, laqqgħu lill-membri tal-Knisja u qagħdu jgħarrfuhom b'dak kollu li Alla għamel magħhom u kif fetaħ il-bieb tal-fidi għall-pagani.

**Il-Kelma tal-Mulej.**
**Inroddu hajr lil Alla.**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 144**
**Hallelujah, hallelujah, hallelujah**

Il-Mulej tajjeb u ħanin,
Idum biex jagħdab u kollu tjieba.
Twajjeb il-Mulej ma' kulħadd,
u ħnientu akbar minn kull ma għamel.

**R/. Hallelujah, hallelujah, hallelujah**

Kull ma għamilt iroddlok ħajr, Mulej;
u ħbiebek iberkuk;
is-sebħ tas-saltna tiegħek ixandru,
fuq is-setgħa tiegħek jitkellmu.

**R/. Hallelujah, hallelujah, hallelujah**

Igħarrfu lill-bnedmin il-qawwa tiegħek,
u l-ġmiel glorjuż tas-saltna tiegħek.
Saltnatek hi saltna għaż-żminijiet kollha,
u l-ħakma tiegħek minn nisel għal nisel!

**R/. Hallelujah, hallelujah, hallelujah**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mill-Ktieb ta' l-Apokalissi ta' San Ġwann Appostlu**
**Apok. 21, 1-5a**

Jiena, Ġwanni, rajt sema ġdida u art ġdida, għax is-sema ta' qabel u l-art ta' qabel għabu, u ma kienx hemm iżjed baħar. U l-Belt il-Qaddisa, Ġerusalem il-ġdida, rajtha

nieżla mis-sema mingħand Alla, imhejjija bħal għarusa mżejna għall-għarus tagħha.
U smajt leħen qawwi ġej mit-tron igħid: "Din hi l-għamara ta' Alla mal-bnedmin; u hu jgħammar magħhom, u huma jkunu l-poplu tiegħu, u Alla nnifsu jkun magħhom, Alla tagħhom. Hu jixxottalhom kull demgħa minn għajnejhom: ma jkunx hemm iżjed mewt, anqas biki jew għajjat jew tbatija ma jkun hemm iżjed, għax għabu l-ħwejjeġ ta' qabel.''
Imbagħad dak li hu bilqiegħda fuq it-tron qal: "Ara, se nġedded kollox.''

**Il-Kelma tal-Mulej.**
**Inroddu hajr lil Alla.**

**Hallelujah, Hallelujah**
Nagħtikom kmandament ġdid, igħid il-Mulej,
li tħobbu lil xulxin, bħalma ħabbejtkom jien.
**Hallelujah**

**✠L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann**
**Ġw 13, 31-33a, 34-35**

Wara li ħareġ Ġuda miċ-Ċenaklu, Ġesu' qal: "Issa Bin il-bniedem huwa msebbaħ, u fih msebbaħ Alla. Jekk Alla huwa msebbaħ fih innifsu, Alla wkoll għad isebbħu fih innifsu, u dalwaqt isebbħu.
Uliedi, se nkun magħkom għal ftit. Nagħtikom kmandament ġdid: li tħobbu lil xulxin. Bħalma ħabbejtkom jien, hekk ukoll ħobbu intom lil xulxin. Minn dan jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi: jekk ikollkom l-imħabba ta' bejnietkom''.

**Il-Kelma tal-Mulej.**
**It-tifħir lilek Kristu.**